Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 59/2008/1

**Nazzareno Muscat u Anna Muscat**

**v.**

**Avukat Ġenerali; u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2009 Costantino Muscat f'ismu proprju u bħala prokuratur tal-assenti Joseph Muscat; Catherine mart Publius Farrugia; Peter Camilleri; Ruth mart Brian John Agius; Janelle Camilleri; Giovanna Mizzi; Mose` Muscat; Rosario Muscat; Maria Dolores Camilleri; Carmel Muscat; Emanuel Muscat; Costantina *sive* Connie Cassar; Maria Carmela Muscat; Peter Muscat; Marguerite Vella f'isimha proprju u bħala prokuratriċi tal-assenti Carmen Zerafa; Jose Muscat; Angela**

**Mallia; Rose Buhagiar; Carmel Muscat; Teresa Muscat; Grace Saliba f'isimha proprju u bħala prokuratrici tal-assenti Concetta sive Connie Carr; John Muscat; Frances Bianchi; Carmen Muscat; Antonia Muscat; Catherine Muscat; Joseph Muscat; Josephine Schembri; Emanuela Schembri u Rita Theuma; Publius Farrugia; Mario Farrugia u Joseph Farrugia ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża *in status et terminis*.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fil-11 ta' Dicembru, 2008, li jaqra hekk:

"Illi in forza ta' testment 'unica charta' magħmul fis-17 ta' Jannar 1957 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicola Said minn Giovanni u Angela miżżewġin Muscat, it-testaturi konjuġi Muscat:

"(a) innominaw bħala eredi universali tagħhom lit-tmien uliedhom, ċioe` wliedhom Carmelo, Francesca, Salvatore, Pietro, Salvina mart Carmelo Farrugia, Vittorio, Emanuele u Giuseppa

u

"(b) ħallew bi prelegat lil tlieta biss minn uliedhom, Victor, Emanuel u Giuseppa, ir-razzett u ġjardina magħrufa "Ta' Żitellu" f'Curved Street, Żurrieq, billi dawn ma kienu miżżewġa u kienu qegħdin iduru bihom, sal-ġurnata ta' mewthom.

"Illi dan kollu jinsab imniżżel fis-Sitt Artikolu u fir-Raba' Artikolu rispettivament tal-imsemmi testment tagħhom:

"*Is-Sitt Artikolu:*

"*It-testaturi Giovanni u Angela miżżewġin Muscat salvi d-disposizzjonijiet kollha ta' qabel jinnominaw b'eredi tagħhom universali proprjetarji assoluti lit-tmien uliedhom Carmelo, Francesca, Salvatore, Pietro, Salvina mart*

*Carmelo Farrugia, Vittorio, Emanuele u Giuseppa ahwa Muscat fi kwoti ugwali u bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi ulied jew dixxendenti f'każ ta' mewt qabel tal-istess eredi għat-testaturi u in mankanza ta' ulied jew dixxendenti bid-dritt tal-akkrexximent bejn l-istess eredi u dan fil-beni tagħhom kollha preżenti u futuri.*"

"*Ir-Raba' Artikolu:*

"*It-testaturi Giovanna u Angela miżżewġin Muscat ihallu b' titolu ta' prelegat għal wara mewthom it-tnejn lit-tliet uliedhom li għadhom ma żżewġux u kemm-il darba ma jkunux miżżewġa, fil-ġurnata tal-mewt tat-testatur superstiti, li jisimhom Vittorio, Emanuele u Giuseppa ahwa Muscat ir-razzett b' ġjardina miegħu li jinsab fil-limiti taż-żurrieq fit-triq tal-'Maċina' kontrada 'Tan-Nigret' hekk ukoll imsejjaħ sive ta' Żitellu bħala liberu u frank minn kwalunkwe piż, u dana f'porzjonijiet ugwali u bid-dritt tal-akkrexximent bejn l-istess prelegatarji f'każ ta' mewt jew ta' passaġġ għaż-żwieg ta' xi wieħed minnhom qabel il-mewt tal-ahhar wieħed fost it-testaturi – kif ukoll l-istess testaturi jħallu lill-imsemmija tliet uliedhom taht l-istess kundizzjonijiet fuq imsemmija l-flus kollha li jkunu jinsabu fid-dar tagħhom tal-abitazzjoni fil-ġurnata tal-mewt tat-testatur superstiti bl-obbligu fl-imsemmijin prelegatarji li għandhom iduru bit-testaturi sal-ġurnata tal-mewt tagħhom.*"

"Illi t-testatur Giovanni Muscat miet fil-11 ta' Awissu 1961, u t-testatriċi Angela Muscat mietet fis-17 ta' Marzu 1974.

"Illi t-tliet prelegatarji Vittorio, Emanuele u Giovanna kollha mietu wara l-mewt tat-testatriċi Angela Muscat, it-*"testatur superstiti"* – Giuseppa mietet fil-11 ta' April 1974; Emanuele miet fit-22 ta' Diċembru 1992 u Vittorio miet fit-28 ta' Ottubru 1994.

"Illi mal-mewt tat-testatriċi superstiti Angela Muscat, ir-razzett bil-ġjardina ntirtu mit-tliet uliedhom Vittorio, Emanuele u Giuseppa fi kwoti ndaqs bejniethom – jiġifieri terz (1/3) kull wieħed u wahda minnhom – proprju kif

hemm imniżżel fid-dispożizzjoni testamentarja kontenuta fir-Raba’ Artikolu.

“Illi mal-mewt ta’ Giuseppa fil-11 ta’ April 1974, xahar fuq il-mewt tat-testatriċi superstiti Angela Muscat fis-17 ta’ Marzu 1974, peress li l-istess Giuseppa mietet mingħajr ma kienet għamlet testment, is-sehem tal-istess Giuseppa ddevolva skond il-volonta’ tat-testaturi espressa fil-prelegat *‘de quo’* kontenut fir-Raba’ Artikolu tal-istess testment *‘unica charta’*.

“Illi peress li t-testaturi ordnaw li f’dan il-prelegat jippartecipaw biss it-tliet uliedhom Vittorio, Emanuele u Giuseppa li kienu qegħdin iduru bihom sal-ġurnata ta’ mewthom, filwaqt li nnominaw bħala eredi universali tagħhom lit-tmien uliedhom kollha, is-sehem ta’ terz spettanti lil Giuseppa, mal-mewt tagħha, iddevolva mhux fuq it-tmien ulied tat-testaturi izda biss fuq l-ahhar żewġ uliedhom mhux miżżewġa indikati u magħzulin minnhom fl-imsemmi prelegat kontenut fir-Raba Artikolu tal-istess testment tagħhom. B’dan il-mod, tliet fondi ntirtu mill-eredi kollha skond is-Sitt Artikolu, filwaqt li r-razzett intiret minn Emanuel u Vittorio waħedhom.

“Illi minkejja li l-imsemmija Giuseppa kienet ilha mejta mis-sena 1974, Costantino Muscat u oħrajn istitwew proċeduri ċivili tnejn u għoxrin (22) sena wara, jiġifieri fis-sena 1996, fejn talbu lil Qorti Ċivili tiddeciedi u tiddikjara:

“(1) illi l-atturi huma ko-proprjetarji *pro indiviso* tal-proprjeta` immobiljari u konsegwentement kull wieħed minnhom għandu d-dritt li jinqeda bl-istess proprjeta`;

“(2) illi l-konvenuti jiġu kkundannati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jikkonsenjaw lill-atturi kopja taċ-ċavetta/ muftieħ ta’ kull fond fuq imsemmi b’mod li kull wieħed mill-atturi jkollu aċċess liberu għall-istess fond.”

“Illi b’sentenza mogħtija fit-3 ta’ Ottubru 2001 fl-ismijiet **“Costantino Muscat proprio et nomine et vs Nazzareno Muscat et”** (Ċitazzjoni Numru 592/96) l-

Onorabbli Qorti Ċivili Prim Awla (1) iddikjarat li l-atturi huma koproprjetarji *'pro indiviso'* tal-proprjetajiet immobiljari msemmija fiċ-ċitazzjoni, (2) ikkundannat lill-konvenuti sabiex fi żmien tlett ġimgħat jikkonsenjaw lill-atturi ċ-ċavetta/ muftieħ ta' kull fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni sabiex dawn ikollhom aċċess liberu għall-fondi msemmija.

"Illi b'sentenza mogħtija fl-1 ta' Ottubru 2004 fl-istess ismijiet, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat *in toto* s-sentenza appellata u ċaħdet l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

"Illi f'din l-aħħar sentenza tal-1 ta' Ottubru 2004, l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddikjarat speċifikament:

"*… jidher ċar li t-testaturi riedu fil-fatt li din il-proprjeta` partikolari tmur għand dawn it-tliet ulied li kienu qegħdin iduru bihom sal-ġurnata ta' mewthom.*"

"Illi din id-dikjarazzjoni hi korretta u tirrifletti sewwa l-volonta' tat-testaturi Giovanni u Angela miżżewġin Muscat. L-ebda dubju ma seta` tqajjem, għalhekk, dwar x'kienet sewwa sew il-volonta' taż-żewġ testaturi fir-rigward tar-razzett b'ġjardina f' Ta' Żitellu, *stante* li tali volonta' kienet espressa b'mod ċar ħafna.

"Illi a bażi ta' dan il-pronunzjament magħmul minnha stess, l-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha tiddeċiedi illi s-sehem ta' terz (1/3) spettanti lil Giuseppa iddevolva mal-mewt tagħha fl-1974 fuq iz-żewġ ħutha Vittorio u Emanuele, ċioe' nofs dan it-terz lil kull wieħed minnhom, jew sesta parti (1/6) kull wieħed.

"Illi b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace tad-9 ta' Diċembru 1992, Emanuele Muscat innomina bħala werrieta universali tiegħu lir-rikorrenti odjerni Nazzareno u Anna miżżewġin Muscat. Fih hemm espressament imsemmi:

"*Għal kwalunkwe buon fini t-testatur jiddikjara li inkluż fil-wirt huwa s-sehem tiegħu tar-razzett b'ġjardina miegħu li jinsabu fil-limiti taż-Żurrieq fit-triq tal-Maċina kontrada tan-*

*Nigret sive taz-Żitellu, li hu u ċioe' t-testatur wiret b' titolu ta' prelegat mill-genituri tiegħu.*"

"Illi b'testment ieħor fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace tad-9 ta' Dicembru 1992, Victor Muscat innomina bħala werrieta universali tiegħu lir-rikorrenti odjerni Nazzareno u Anna miżżewġin Muscat. Fih hemm ukoll iddikjarat:

"*Għal kwalunkwe buon fini t-testatur jiddikjara li inkluż fil-wirt huwa s-sehem tiegħu tar-razzett b'ġjardina miegħu li jinsabu fil-limiti taż-Żurrieq fit-triq tal-Maċina kontrada tan-Nigret sive taz-Żitellu, li hu u ċioe' t-testatur wiret b'titolu ta' prelegat mill-genituri tiegħu.*"

"Illi fid-dikjarazzjoni *'causa mortis'* magħmula wara l-mewt ta' Emanuele Muscat magħmula min-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace fil-11 ta' Diċembru 1993, ġie ddikjarat illi sehem Emanuele Muscat fl-imsemmi razzett b'ġjardina kien ta' nofs indiviż, u cioe` *"nofs (1/2) indiviż ta' art fi Triq l-Imdawwra, Żurrieq, b' xi kmamar fiha, u liema art hija tal-kejl ta' circa 1.6 tumoli u ċioe' elf u tmien mitt metru kwardu (1,800 m.k.) u tikkonfina mit-Tramuntana ma' Triq l-Imdawwra, Punent ma' Sqaq Franzina u Lvant ma' Triq il-Kuncizzjoni, tal-valur dan in-nofs indiviz ta' tnejn u għoxrin elf lira Maltin (Lm22,000). Din hi l-proprjeta` fuq imsemmija li fiha kien jirrisjedi Emanuele Muscat fuq imsemmi, ma' huh."*

"Illi fid-dikjarazzjoni *'causa mortis'* magħmula wara l-mewt ta' Victor Muscat magħmula min-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace fil-5 ta' April 1995, ġie ddikjarat illi sehem Victor Muscat fl-imsemmi razzett b'ġjardina kien ta' nofs indiviż, u ċioe` *"nofs (1/2) indiviż ta' art fi Triq l-Imdawwra, Żurrieq, b'xi kmamar fiha, u liema art hija tal-kejl ta' circa 1.6 tumoli u ċioe` elf u tmien mitt metru kwardu (1,800 m.k.) u tikkonfina mit-Tramuntana ma' Triq l-Imdawwra, Punent ma' Sqaq Franzina u Lvant ma' Triq il-Kuncizzjoni, tal-valur dan in-nofs indiviż ta' tnejn u għoxrin elf lira Maltin (Lm22,000). Din hi l-proprjeta` fuq imsemmija li fiha kien jirrisjedi Victor Muscat fuq imsemmi, ma' ħuh."*

"Illi, barra minn hekk, in-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace ħadem it-taxxa dovuta fuq dawn it-trasferimenti fl-1993 *(nofs indiviż)* u fl-1995 *(nofs indiviż)* separatament, liema taxxa tħallset lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u, fiż-żewġ okkażjonijiet, ġiet aċċettata mid-Dipartiment tal-*Capital Transfer Duty* fl-Uffiċċju tat-Taxxi Interni, Valletta, bħala korretta – u dan kemm fil-każ tat-trasferiment *'causa mortis'* ta' Emanuele Muscat fl-1993, kif ukoll fil-każ tat-trasferiment *'causa mortis'* ta' Victor Muscat sentejn wara.

"Illi konformament ma' dan kollu hawn fuq spjegat, l-istess immobbli ġie debitament irreġistrat mad-Dipartiment tal-Artijiet. Hemm ukoll ir-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura li ġġib in-numru "1408/Zrq".

"Konsegwentement, ir-razzett b'ġjardina jappartjenu esklussivament lir-rikorrenti in kwantu s-sehem ta' terz spettanti lil Giuseppa ddevolva finalment fuq iż-żewġ rikorrenti flimkien, *tramite* d-devoluzzjoni fuq Vittorio u Emanuele ta' sesta parti ( nofs dak it-terz) kull wieħed.

"Illi b'danakollu, l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet, minflok, illi s-sehem ta' terz (1/3) spettanti lil Giuseppa iddevolva mal-mewt tagħha fuq ħutha kollha, inklużi dawk li assolutament ma kienux komparteċipi fil-prelegat imħolli mit-testaturi Giovanni u Angela konjuġi Muscat in forza tar-Raba' Artikolu tat-testment tagħhom *'unica charta'* tas-17 ta' Jannar 1957 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicola Said.

"Illi jirriżulta li t-testaturi kienu ġja' ħasbu fit-tmien uliedhom kollha fl-istess testment billi nnominawhom ilkoll eredi universali proprjetarji assoluti tagħhom in forza tas-Sitt Artikolu. It-testaturi hallew lill-eredi universali tagħhom tliet (3) proprjetajiet immobbli oħra, u ċioe': 51, Mill Street, Żurrieq; u għalqa f'Ta' Santa Marija, Bubaqra, limiti taż-Żurrieq. Barra minn hekk, fil-każ tal-Ħames Artikolu li kien jirrigwarda legat *'a limine intus'*, meta mietet Giuseppa, *stante* li t-testaturi ma kienux esprimew il-volonta' tagħhom xort' oħra, dan il-legat għadda fuq ħutha u wlied ħutha premorti. Iżda, fir-rigward tar-razzett b'ġjardina f'Ta' Żitellu, it-testaturi riedu illi l-kompartecipi jkunu biss it-tliet

uliedhom mhux miżżewġa – Vittorio, Emanuele u Giuseppa – u dana peress illi kif irrimarkat il-Qorti:

"*… jidher ċar li t-testaturi riedu fil-fatt li din il-proprjeta` partikolari tmur għand dawn it-tliet ulied li kienu qegħdin iduru bihom sal-ġurnata ta' mewthom.*"

"Konsegwentement, meta mietet Giuseppa, sehemha għadda għand iż-żewġ ħutha l-oħra Emanuele u Vittorio biss, *stante* fil-legat preċitat it-testaturi kienu fissru l-volonta' tagħhom b'mod l-aktar ċar.

"Illi b'riżultat tas-sentenza tal-Qorti ta' prima stanza fit-3 ta' Ottubru 2001 u tas-sentenza kontradittorja mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ottubru 2004, ir-rikorrenti ġew serjament ippreġudikati fid-dritt tagħhom għal smiegħ xieraq fil-kawża Ċitazzjoni Numru 592/96, u dana peress illi ma kellhomx proċess ġust.

"Illi s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fiha partijiet li jmorru kontra l-preċitata dikjarazzjoni magħmula minnha stess:

"*Skond l-ewwel Qorti, mal-mewt ta' Giuseppa Muscat sehemha idevolva favur ħutha u ulied ħutha premorti, skond il-każ, kulhadd fl-ishma rispettivi tiegħu. Il-konvenuti appellanti ma jaqblux*."

[omissis]

"*Il-fatt li l-omm (l-aħħar testatriċi superstiti) mietet fis-17 ta' Marzu 1974 u bintha Giuseppa mietet ftit ġimgħat warajha, jiġifieri fil11 ta' April 1974, ma jagħti lok għal ebda interpretazzjoni diversa minn dik kif mogħtija mill-ewwel Qorti, kondiviża pjenament minn din il-Qorti, dwar il-volonta' tat-testaturi.*"

"Hija ħaġa inspjegabbli, illoġika u inkonċepibbli kif l-Onorabbli Qorti, fl-istess sentenza, iddikjarat –

"(a) illi l-volonta' tat-testaturi kienet *"… jidher ċar li t-testaturi riedu fil-fatt li din il-proprjeta` partikolari tmur*

*għand dawn it-tliet ulied li kienu qegħdin iduru bihom sal-ġurnata ta' mewthom."*

"u

"(b) illi sehem Giuseppa Muscat iddevolva favur ħutha u wlied ħutha premorti, skond il-każ, kulħadd fl-ishma rispettivi tiegħu.

"Id-devoluzzjoni tat-terz spettanti lil Giuseppa fuq ħutha u wlied ħutha premorti skond il-każ, hija dijametrikament l-oppost tal-volonta' tat-testaturi *"li din il-proprjeta` partikolari tmur għand dawn it-tliet ulied li kienu qegħdin iduru bihom sal-ġurnata ta' mewthom."*

"Illi in vista tal-fatti u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija, fil-kawża Ċitazzjoni Numru 592/96 ir-rikorrenti ma kellhomx proċess ġust.

"Illi ladarba ir-rikorrenti wirtu – *tramite* z-zijiet tagħhom Vittorio u Emanuele – t-terz spettanti liz-zija tagħhom Giuseppa, u ladarba r-rikorrenti huma wkoll eredi universali u assoluti tal-imsemmija Vittorio u Emanuele, il-proprjeta` konsistenti f'razzett b'ġjardina f'Ta' Żitellu, minkejja kull dikjarazzjoni kuntrarja fil-kawża Ċitazzjoni Numru 592/96, tappartjeni esklussivament lir-rikorrenti.

"Illi l-ebda Qorti ma kienet intitolata ddaħħal bħala kompartecipi fil-prelegat ta' dina l-proprjeta` partikolari lil terzi mhux imsemmija fil-prelegat ordnat fir-Raba' Artikolu, kemm jekk ikunu aħwa jew ulied l-aħwa premorti u kemm jekk le.

"Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell inifisha ddikjarat illi:

"*il-ġudikant għandu jieħu rigward pjuttost għall-volonta' tat-testatur milli għall-kliem użat*"

"u, skond l-istess Onorabbli Qorti, ma kienx hemm dubju li l-volonta' tat-testaturi kienet li din il-proprjeta` partikolari tmur għand dawn it-tliet ulied li kienu qegħdin iduru bihom, u ċioe' Vittorio, Emanuele u Giuseppa.

“Għalhekk id-dritt tar-rikorrenti għal smiegħ garantit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bnidem (Kapitolu 319 tal-Liġijiet) ġie vvjolat.

“Barra minn hekk, ġie leż ukoll id-dritt tar-rikorrenti għat-tgawdija paċifika tal-proprjeta` garantit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bnidem (Kapitolu 319 tal-Liġijiet).

“Fit-tieni lok, il-kawża ċivili istitwita kontra tagħhom fis-sena 1996 mill-atturi Costantino Muscat proprio et nomine et ġiet deċiża mill-Qorti tal-ewwel grad fit-3 ta’ Ottubru 2001, filwaqt li l-appell tar-rikorrenti ppreżentat f’Ottubru 2001 ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Ottubru 2004. F’diversi stadju tal-kawża kien hemm dewmien eċċessiv. Il-kawża damet ħames snin pendenti fil-prima stanza u erba’ snin pendenti fl-appell.

“Illi dan iż-żmien kollu jikkostitwixxi dewmien eċċessiv bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319) li jiggarantixxi smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli.

“Illi konsegwentement fil-kawża ċivili hawn fuq imsemmija ġie vvjolat ukoll id-dritt għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli garantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li issa tifforma parti mil-liġi nterna ta’ pajjiżna.

“Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq ta’ dak li hemm provdut fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Liġijiet) billi tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti ma kellhomx proċess ġust fil-kawża Ċitazzjoni Numru 592/96 u li b’hekk ġie vvjolat id-dritt tagħhom għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli garantit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Liġijiet) kif ukoll id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjeta` garantit bl-Artikolu 1 ta’ Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Liġijiet), u konsegwentement tħassar u

tiddikjara nulli u bla effett is-sentenzi mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim' Awla u mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-imsemmija kawża ċivili, tordna *restitutio in intergrum* sabiex ir-rikorrenti jitqegħdu fil-pożizzjoni li kienu jkunu fiha kieku ma ġewx ivvjolati d-drittijiet fondamentali tagħhom fuq imsemmija u tagħtihom kumpens xieraq minħabba dawn il-vjolazzjonijiet. Bl-ispejjeż."

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Preliminarjament illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors *stante* li r-rikorrenti kellhom rimedju ieħor li setgħu utilizzaw iżda naqsu milli jużaw, u ċioe' r-rimedju tar-ritrattazzjoni. Ġaladarba jidher li l-lanjanza tar-rikorrenti ma tirrigwardax verament il-ksur tad-drittjiet fundamentali tagħhom iżda tirrigwarda l-fatt li r-rikorrenti ma qablux mad-deċiżjoni li waslet għaliha oriġinarjament l-ewwel Qorti u sussegwentement il-Qorti tal-Appell, jekk ir-rikorrenti għal xi raġuni dehrilhom li l-Qorti għamlet żball gravi fl-għażla u l-interpretazzjoni tagħha tal-liġi applikabbli l-uniku rimedju li kellhom, u li naqsu li jutilizzaw, kien ir-rimedju tat-talba għar-ritrattazzjoni, u issa ma jistgħux jinqdew bil-forum Kostituzzjonali għal dan il-għan.

"2. Illi *inoltre* l-esponent jissottometti bla preġudizzju illi jekk ma takkoljix l-ewwel eċċezzjoni tiegħu din l-Onorabbli Qorti għandha tordna lir-rikorrenti sabiex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas tagħhom u jikkjamaw fil-kawża lill-atturi fil-kawża *"Kostantino Muscat pro et noe vs Nazzareno Muscat et"* (Ċit Nru 592/1996), li huma l-werrieta l-oħrajn. Dan billi jidher ċar li jekk it-talbiet tar-rikorrenti jiġu milqugħa se jiġu affettwati d-drittijiet tal-persuni l-oħrajn involuti fil-kawża imsemmija, u apparti l-ħtieġa li tali persuni jingħataw l-opportunita` li jiddefendu d-drittijiet proprjetarji tagħhom hemm ukoll il-ħtieġa li kwalunkwe sentenza li tingħata fil-forum preżenti tkun ukoll tikkostitwixxi stat fil-konfront tagħhom.

**<u>Smiegh xieraq</u>**

"3. Illi meta wieħed jifli l-fatti tal-każ odjern għandu jikkonkludi li ma jissussisti ebda ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq. Din mhix kwistjoni ta' smiegħ xieraq iżda kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-Qorti, u anke l-Qorti Ewropeja tirrispetta d-dritt tal-Qrati nazzjonali li jaslu għal interpretazzjoni tal-fatti mingħajr indħil min-naħa tagħha. Huwa biss jekk ikun seħħ xi nuqqas proċedurali ta' ċertu sustanza li wieħed jista' jikkontempla l-possibbilta' ta' ksur tal-artikolu 6. Fil-każ in eżami, ma hemm ebda ndikazzjoni li seħħ xi nuqqas simili. Ir-rikorrenti xeħtu din il-lanjanza donnu mingħajr wisq ħsieb. L-unika bażi li b'xi mod u indirettament jaċċennaw għaliha hija dik li l-Qorti ma tatx sentenza raġunata. Iżda mill-qari tas-sentenza għandu jirriżulta li huma forsi r-rikorrenti li ma fehmux ir-raġunament koerenti tal-Qorti. Apparti minn hekk, jerġa' jiġi enfasizzat li s-sede kostituzzjonali ma tista' qatt taqdi l-funzjoni ta' forum ta' ritrattazzjoni tal-każijiet diġa' deċiżi mill-ewwel Qorti jew mill-Qorti tal-Appell.

"**<u>Tgawdija ta' Possedimenti</u>**

"4. Illi għar-rigward tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol, l-esponent isostni li ma jissussisti l-ebda ksur. Huwa qiegħed jagħmel referenza għall-każ Marckx vs Belgium, li dwaru Harris, O'Boyle u Warbrick *(Law of the European Convention on Human Rights* – 1995) jikkumentaw illi dan il-każ stabbilixxa li *"It* (l-Ewwel Artikolu) *is not a right to be put into the possession of things one does not already have, however strong the individual' s interest in doing so may be".* F'Markx fil-fatt ġie ritenut illi l-Ewwel Artikolu *"does not guarantee the right to acquire possessions whether on intestacy or througħ voluntary dispositions."*

"Kif osservaw Van Dijk u Van Hoof ***(Theory and Practice of the European Convention on Human Rights – 1990)***, *"the object of the possessions must be adequately definable in relation to the claims based thereupon".* Ikomplu li *"there can be no question of possessions until the moment at which one can lay claim to the property concerned. A claim as such may constitute a 'possession'*

*in the sense of Article 1, but it should then be a concrete, adequately specified claim".*

"*Inoltre*, f'**"A.B. and Company A.S. vs Germany"** il-Qorti Ewropea rriteniet illi *"Furthermore, at the admissibility stage an applicant who alleges a violation of Article 1 must produce evidence tending to show that he was in fact the owner of the property of which he claims to have been deprived, before the act complained of; in the instant case, the applicants must show that they were entitled to the claim."*

"Kif ikomplu josservaw Harris, O'Boyle u Warbrick filwaqt li jagħmlu referenza għal Batelaan and Huiges vs Netherlands, *"Expectations do not have the degree of concreteness to bring with them the idea of 'possessions'"*. *Inoltre*, Clements (European Human Rights – Taking a Case Under the Convention – 1994) filwaqt li jirreferi għall-każ ta' **"Inze vs Austria"** jikkonkludi li *"the right to an inheritance is not a possession until it is acquired, regardless of whether distribution has occurred".*

"Illi għalhekk jidher ċar li l-lanjanza tar-rikorrenti għar-rigward tal-Ewwel Artikolu m'għandha ebda ġustifikazzjoni u għandha tiġi respinta, billi sabiex tressaq azzjoni taħt dan l-artikolu m'huwiex biżżejjed li wieħed ikollu interess iżda jrid ikollu wkoll dritt konkret u reali ta' possediment rikonoxxut mil-liġi. Fil-każ odjern teżisti sempliċi pretensjoni min-naħa tar-rikorrenti, liema pretensjoni baqgħet s'issa qatt ma ġiet konkretizzata minkejja l-isforzi ineffikaċi tagħhom li jagħmlu dan fil-kawża preċedenti li minnha qegħdin jilmentaw.

"Illi *inoltre* ma teżisti ebda każistika tal-Qorti Ewropeja li tistabbilixxi li Qorti tista' tinstab ħatja li tikkawża ksur tal-Ewwel Artikolu. Fil-fatt, il-lanjanzi li jqumu taħt dan l-artikolu jirrigwardaw esklussivament interferenza mill-Istat jew minn korpi parastatali fid-drittijiet ta' sidien u pussessuri ta' proprjeta`.

"**<u>Dewmien</u>**

"5. Għar-rigward tad-dewmien, l-esponent jidhirlu li lanqas din il-lanjanza ma hi sostenibbli. Ir-rikorrenti ma jagħtu ebda eżempji ta' traskuraġni jew ineffiċjenza min-naħa tal-ewwel Qorti jew il-Qorti sussegwenti. Il-kawża in kwistjoni ġiet reġistrata fis-6 ta' Ġunju 1996 u nqatgħet fit-3 ta' Ottubru 2001, jiġifieri ftit aktar minn ħames snin wara. Fil-frattemp kien sar ukoll appell fl-1999 li nqata' fit-2000. Ir-rikorrenti stess appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti u l-appell inqata' fl-1 ta' Ottubru 2004, jiġifieri tliet snin wara. Meta wieħed iqis il-kawżi kif żvolġew, l-esponenti huma tal-fehma li diffiċilment wieħed jista' jgħid li kien hemm dewmien esaġerat li jinkwadra ruħu taħt l-artikolu 6, peress illi perjodu ta' ħames snin għal kawża fl-ewwel istanza b'appell interpost u tliet snin għal appell jaqgħu fil-limiti tar-raġjonevolezza f'dak li jirrigwarda dewmien.

"**<u>Osservazzjonijiet oħrajn</u>**

"Ir-rikorrenti qed jagħmlu ħafna enfasi fuq dak li qalet il-Qorti tal-Appell li *"jidher car li t-testaturi riedu fil-fatt li din il-proprjeta` partikolari tmur għand dawn it-tliet ulied li kienu qegħdin iduru bihom sal-ġurnata ta' mewthom".* Iżda dan ma jfissirx, kif tajjeb osservat it-tieni Qorti, illi t-testaturi Giovanni u Angela konjuġi Muscat kellhom xi jedd taħt il-liġi li jinfurzaw ir-rieda tagħhom anki fuq wirt sussegwenti tal-eredi tagħhom, kemm jekk legatarji kif ukoll dawk prelegatarji. Li kieku l-ewwel Qorti ddeċidiet kif qed jiġi sottomess mill-konvenuti, ikun ifisser li t-testaturi kienu jkunu qegħdin effettivament jitħallew jiddisponu mhux biss minn ġidhom iżda wkoll mill-assi tal-eventwali tagħhom. Għalhekk, meta Guzeppa Muscat mietet intestata, is-sehem tagħha kellu bilfors jiddevolvi skond kif tistipula l-liġi, jiġifieri fuq ħutha u skond il-każ, it-tfal ta' ħutha.

"Illi l-fatt li n-Nutar Zammit Pace ħadem it-taxxa dovuta fuq it-trasferimenti ta' konnessi mal-mewt ta' Emanuele u Victor Muscat rispettivament bħala li sehemhom kien nofs indiviż ma jivvalidax il-pretensjonijiet tar-rikorrenti. L-istess, u aktar u aktar, għandu jingħad għall-fatt li l-Uffiċċju tal-Capital Transfer Duty ipproċessa dawn it-trasferimenti *causa mortis*. L-imsemmi Uffiċċju mhux

awtorita` definittiva rigward l-interpretazzjoni ta' testmenti, u jaġixxi skond l-informazzjoni li jipprovdulu t-*taxpayers*.

"Illi lanqas ir-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet u d-Dipartiment tal-Agrikoltura rispettivament ma jikkostitwixxu prova ta' xi titolu fuq l-art, u infatti l-pożizzjoni meħuda minn dawn id-Dipartimenti hija għal darb'oħra li dawn jipproċessaw u jimxu fuq l-informazzjoni mogħtija lilhom fid-dikjarazzjoni ta' minn japplika għar-reġistrazzjoni u l-oneru tal-veraċita` *o meno* ta' tali dikjarazzjoni huwa fuq l-applikant.

"Illi il-kwistjoni mhix x'inhi r-rieda tat-testaturi konjuġi Muscat għax ir-rieda ta' dawn ġiet eżegwita fedelment permezz tat-testment tagħhom. X'jiġri wara u kif jiddisponu l-eredi tad-deċeduti konjuġi Muscat m'huwiex fil-poter tal-istess konjuġi Muscat.

Illi l-esponent ma jistax jifhem fejn kienet inkonsistenti l-Qorti tal-Appell għal dak li jirrigwarda l-kwotazzjonijiet ċitati mir-rikorrenti. Huwa ovvju li fl-ewwel kwotazzjoni tal-paġna 3 tar-rikors promotur il-Qorti qed tirreferi għall-artikolu 4 tat-testment tad-deċeduti konjuġi Muscat. Iżda fiż-żewġ kwotazzjonijiet sussegwenti il-Qorti qed tirreferi għall-wirt intestat ta' Giuseppa Muscat, u mhux aktar għal dak tal-ġenituri tagħha. Għalhekk, huwa inkonċepibbli kif ir-rikorrenti mhux qed jirnexxilhom jifhmu din id-distinzjoni bażika.

"Illi għalhekk il-konklużjoni għandha tkun neċessarjament illi Vittorio u Emanuele Muscat ma kellhom ebda jedd iħalli lir-rikorrenti s-sehem ta' oħthom Giuseppa, u allura ż-żewġ Qrati għamlu sew li qiesu lill-aħwa l-oħrajn u wliedhom bħala komparteċipi fil-wirt tal-istess Giuseppa Muscat.

"Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li, *stante* li ebda waħda mil-lanjanzi ma tirriżulta ġustifikata, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti Muscat."

Rat li b'digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Marzu, 2009, li bih l-istess Qorti awtorizzat lill-partijiet l-ohra li kienu parti fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell u li qed tigi attakkata mir-rikorrenti, jintervjenu in status et terminis f'din il-kawza;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru, 2009, li in forza taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali u ddiklinat milli tkompli tisma' l-kawza, spejjez jithallsu kollha mir-rikorrenti;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi din l-eċċezzjoni hija fis-sens illi l-Qorti ma għandhiex tkompli tisma' l-kawża għaliex ir-rikorrenti kellhom a dispożizzjoni tagħhom ir-rimedju tar-ritrattazjoni tal-kawża u naqsu illi jagħmlu dan. Fil-fatt din l-eċċezzjoni għalkemm ma tagħmel ebda riferenza speċifika hija skond dak li jgħid il-proviso tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni illi jgħid eżattament hekk; *iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżercita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.* (46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta).

"Din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** (7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra;

"*Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;*

"*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala principju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r–rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura*

*kostituzzjonali għandhu jsir wara li l-ordinarji jiġu esawriti jew meta m'humiex disponibbli;*

"*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawliex raġunijiet serji gravi ta' illegalita` jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita` tal-ewwel Qorti ikkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

"*c. Kull każ għandu l-fattispecje partikolari tiegħu;*

"*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta` kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandiex teżerċita l-gurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

"*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

"*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.*

"L-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li *"meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni."* F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma *komplessa* jiżdied il-kliem *jew inkella imħallta.*

"Il-Qorti hawnhekk tħoss li għandha tagħmel xi osservazzjonijiet rilevanti għal din il-kawża li jistgħu ma japplikawx għal kawzi l-oħra. L-ewwelnett din hija kawża dwar materja purament ċivili. It-tieni r-rikorrenti appellaw mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-3

ta' Orrubru 2001. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat din is-sentenza fl-1 ta' Ottubru 2004. Għalhekk għaddew iktar minn erba' snin qabel ma ntavolaw din il-kawża. Fil-frattemp huma fetħu kawża oħra li għadha pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn qed jitolbu l-qasma tal-wirt in kwistjoni a bażi tas-sentenza li qed jattakkaw b'dawn  il-proċeduri. Wara li ngħatat is-sentenza lamentata minnhom mill-Qorti tal-Appell  huma ma ppreżentaw ebda kawża ta' ritrattazzjoni.

"Il-Qorti eżaminat fil-fond ir-rikors promotur u ssib li l-lanjanzi kollha – forsi *eccetto* l-lanjanza li l-kawża damet tmien snin biex ġiet deċiża – huma kollha dwar l-interpretazzjoni li l-Qorti tat fis-sentenza in kwistjoni. Ma hemm ebda riferenza għal xi nuqqas tal-Qorti (sija Prim' Awla u sija tal-Appell) li ma tathomx ċans iressqu l-provi tagħhom. Għalhekk ma hemmx dubju illi l-lanjanzi kollha tagħhom (*eccetto* dik li ġie issemmiet) setgħu saru *tramite* kawża ta' ritrattazzjoni. L-iskop evidenti tar-rikorrenti huma li jiftħu mill-ġdid kwistjoni li ġiet deċiża u għaddiet in ġudikat. Infatti t-talba tagħhom hija biex jiġu dikjarati nulli s-sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Appell u li huma jerġgħu jitqegħdu f'pożizzjoni li kienu qabel ma ġew deċiżi l-kawzi – fi kliem ieħor terġa' tinstema l-kawża mill-ġdid!

"Il-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti qed jirrikorru għal dan l-espedjent sempliċement għaliex ma kienux kuntenti bis-sentenza finali u qed jerġgħu jippruvaw jibdewha mill-ġdid. Dan imur għal kollox kontra l-ordni pubbliku għaliex ma jistax ikun il-kawżi jiġu perpetwati b'dan il-mod. Il-kunċett tar-***res judicata*** huwa infatti ta' ordni u interess pubbliku – iħares iċ-ċertezzi tad-drittjiet li ġew definit b'sentenza, ibiegħed il-possibbilta' ta' sentenzi ma jaqblux jew imorru kontra xulxin u tagħlaq il-bieb għall kwistjonijiet li jkunu ġew stabbiliti b'sentenza – (**"Galea vs Falzon"** - Prim Awla – 7 ta' Frar 2002).

"*Sentenza li għaddiet ingudikat ma tistax tigi attakkata b'nullita` fuq bażi ta' xi difett proċedurali fl-otteniment tagħha. Jekk dik is-sentenza la tigi appellata u lanqas ritrattata tgħaddi in ġudikat b'mod li ma tkunx iżjed tiġi attakkata u hija irrevokabbli.*

"*Meta l-imsemmija sentenza għal ragunijiet li jafhom l-appellant la tiġi appellata u lanqas intalbet ritrattazzjoni tagħha u llum skada kull żmien għal ritrattazzjoni hija assumiet karattru ta' veraċita` billi għaddiet irrimedjabbilment in ġudikat u llum ma hawnx rimedju legali biex il-konklużjoni mertu ta' dik is-sentenza tinfetaħ mill-ġdid.* **("Alfred Caruana vs Angelo Caruana"** – Appell Ċivili, 6 ta' Marzu 1991).

"Il-Qorti tifhem li quddiemha proprjament ma għandhiex eċċezzjoni tar-***res judicata*** iżda qed tagħmel din l-analiżi biex turi l-perikolożita` ta' ftuħ mill-gdid ta' proċeduri ċivili li jkunu ġia' ngħalqu. Jekk it-talba tar-rikorrenti tiġi aċċettata (għalkemm għalissa l-Qorti qed tiddeċiedi biss jekk tkomplix tisma' l-kawża biex tinvestiga l-lanjanzi allegati) hemm il-periklu ċar li ebda sentenza ma jkollha ċ-ċertezza tal-ġudikat.

"Hemm ukoll element ieħor determinanti li jwassal biex il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimat. Il-*proviso* għall-artikolu 46 jgħid illi r-rimedji **huma jew kienu** disponibbli lir-rikorrenti. Għalhekk anke jekk dak ir-rimedju kien disponibbli u ma għamlux użu minnu l-Qorti għandha l-poter illi tiddeklina li tkompli tisma' l-kawża.

Fir-rigward tal-lanjanza taż-żmien il-Qorti lanqas ma tista' teħodha bis-serjeta` għaliex kieku dik kienet lanjanza reali, ir-rikorrenti ma kienux jitolbu t-tħassir tas-sentenza iżda rimedju ieħor. Għalhekk jekk huma għandhom dak l-ilment għandhom jagħmlu t-talba rilevanti u mhux jitolbu t-tħassir tas-sentenza li s-saħħa tagħha bħala ġudikat ma tiġix affetwata *ut sic* bid-dewmien tal-proċeduri."

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell taghhom, tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tal-ewwel Qorti u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessii, talab li din il-Qorti joghgobha

tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intervenuti fil-kawza li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti, u billi l-appell hu wiehed fieragh, din l-Onorabbli Qorti ghandha bir-rispett tapplika kontra l-appellanti s-sanzjoni kontemplata fil-partita 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A annessa mal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti, inkluz il-process, citazzjoni numru 592/96 li gie allegat ma’ dawn il-proceduri;

Ikkonsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri r-rikorrenti allegaw li d-drittijiet fundamentali taghhom gew miksura waqt is-smigh u fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Ottubru, 2000, fil-kawza **Muscat et v. Muscat et.**, citazzjoni numru 592/96, li fiha r-rikorrenti odjerna kienu konvenuti. Ir-rikorrenti jallegaw li gie miksur id-dritt taghhom ghad-dgawdija tal-possedimenti, protett bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u gie lez ukoll id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq, protett bl-Artikolu 6 tal-imsemmija Konvenzjoni, peress li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell hemm dikjarazzjonijiet kontradittorji u anke peress li l-kaz dam hafna biex jigi deciz.

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti wara li osservat li, f’kull kaz, l-ilmenti tar-rikorrenti huma kollha dwar l-interpretazzjoni tal-fatti li l-Qorti tal-Appell kellha quddiemha u kontra dan l-ezercizzju m’hemmx rimedju straordinarju ta’ natura kostituzzjonali; qalet ukoll li l-lanjanza dwar id-dewmien tal-process ma kienetx “lanjanza reali”, peress li l-iskop veru ta’ dawn il-proceduri kien it-thassir tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell.

Ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza bl-aggravji jiccentraw fuq l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-kaz taghhom, peress li din fil-fehma taghhom, ma qiesetx li ghall-ilmenti taghhom l-uniku rimedju disponibbli kienet biss din il-procedura.

Trattat issa dawn l-ilmenti, din il-Qorti tara wkoll li dawn ma jisthoqqilhomx li jkunu milqugha.

Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu jgawdi minn "possediment" li jehtieglu protezzjoni, din il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdiniex b'definizzjoni[1] ta' f'hiex jikkonsisti l-kuncett ta' beni jew possedimenti, gie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett ghandu jigi interpretat b'mod wiesa. In fatti, f'**Mellacher v. Austria**, 19 ta' Dicembru, 1989 dan il-kuncett gie interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jimmanifestax din il-karatteristika ta' valur ekonomiku, dan jezorbita awtomatikament mill-iskop jew l-applikabbilita` ta' dan l-Artikolu.

Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk[2], in fatti, "... *the concept of what constitutes property or "possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide;.... a range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests".*[3]

B'dan ir-ragunament allura, wiehed jista' facilment jghid illi Artikolu 1 Protokol Numru 1, ma jillimitax il-protezzjoni li jhaddan lill-proprjeta` fis-sens klassiku tal-kelma, izda jestendi l-protezzjoni ghal interessi ohra. Dawn l-interessi imma jridu juru numru ta' karatteristici li gew zviluppati matul iz-zmien fil-gurisprudenza.

---

[1] Il-kuncett ta' "possessions" qatt ma gie moghti definizzjoni generali u lanqas astratta.

[2] A Guide to the Implementation of Article 1 of Protocol Number 1, page 10.

[3] Hawnhekk l-awtrici tkompli billi tghid li dawn kollha huma ikkonsiderati bhala "possessions": *"...shares, patents, an arbitration award, the entitlement to a pension, a landlord's entitlement to rent, the economic interests connected with the running of a business, the right to exercise a profession, a legitimate expectation that a certain state of affairs will apply, a legal claim, and the clientele of a cinema".*

Huwa minnu, kif intqal hawn fuq, illi dawn l-interessi ghandhom ikunu, qabel xejn, ta’ natura kummercjali, jew ahjar, ekonomika. Barra minn hekk, dawn l-interessi ghandhom juru sufficentement li huma kapaci “of being realized” u b’hekk jirrapprezentaw dik li nsejhulha “legitimate expectation”[4] kif ser naraw aktar ’l isfel, u fl-ahharnett, dawn l-interessi legali ghandhom ukoll jimmanifestaw irwiehom u fuq kollox ikunu identifikati.

Il-protezzjoni ta’ dan l-Artikolu tapplika biss f’kaz li wiehed jista’ “lay a claim to the property concerned”. Dan l-Artikolu jipprotegi dik il-proprjeta` gia` ezistenti u mhux id-dritt li wiehed jakkwista proprjeta` fil-futur[5]. L-Artikolu 1 Protokol Numru 1, japplika biss, wiehed jista’ jinnota, ghall-beni jew possedimenti li persuna diga` ghandha u li diga` qed tgawdi. Irid jigi pruvat mill-applikant quddiem il-Qorti li huwa ghandu pretensjoni legali li jezercita “property rights” – **Zwierzynski v. Poland**, 19 ta’ Gunju, 2001.

Sabiex wiehed jitlob u jinvoka l-protezzjoni ta’ dan l-Artikolu, wiehed irid ikollu forma ta’ dritt li qed igawdi li, skond il-Konvenzjoni Ewropea, jigi meqjus bhala “property right” **– S. v. United Kingdom (1986 – Application Number 11716/85).**

Alternattivament, sabiex “claim”[6] tkun ikkonsiderata bhala “possession” taht Artikolu 1 Protokol Numru 1, ghandu jigi ppruvat li hemm pretensjoni legali li timmerita li tigi akkolta.

“*A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on a legal*

---

[4] **Bevler v. Italy (5-Jan-2000) –** l-applikant f’dan il-kaz ipprova li kellu *de facto* ‘property interest’ fil-pittura u b’hekk kellu ‘a legitimate expectation’.

[5] Isegwi allura li l-pretensjoni li wiehed ser jiret proprjeta` fil-futur, per ezempju, ma jkunx protett taht dan l-Artikolu **Marckx v. Belgium 1979 u fl-1987 f’Inze v. Austria.**

[6] **Antonakopoulos v. Greece (14-Dec-1999)** – gie argumentat is-segwenti:- “*as long as the holder of a claim can have a “legitimate expectation” of realizing the claim, that is, that the claim is “sufficiently established” to the extent of being executable, then this claim is in principle to be accepted as on par with “possession” capable of being protected by Article 1 Protocol Number 1”.*

*provision or a legal act...*" – **Gratzinger and Gratzingerova v. The Czech Republic (2002)**.

Jekk dan ma jkunx hekk, allura ma jistax jinghad li hemm "legitimate expectation". Dan ifisser illi dik it-talba trid tkun sufficcentament "established to be enforceable" – **case of Burdov v. Russia**, 7 ta' Mejju, 2002; **Timofeyen v. Russia**, 23 ta' Jannar, 2004 u **Stran Greek Refineries & Straits Andreadis v. Greece**, 9 ta' Dicembru, 1994. Jekk din it-talba ma tistax tkun imwettqa, allura ma tistax tigi kkwalifikata bhala "possession". Barra minn hekk, gie interpretat ukoll li "a claim" jew talba, tista' tigi kkonsidrata bhala "possession" taht dan l-Artikolu jekk huwa muri li hemm "a legal entitlement", ossia dritt legali ghall-beneficci ekonomiku ta' dak l-individwu koncernat jew "a legitimate expectation that the entitlement will materlise" – **Pressos Compania Naviera S.A. v. Belgium (1995)**[7] u **National and Provincial Building Society v. U.K. (1997)**.

Peress li dan l-Artikolu fil-principju tieghu jeskludi d-dritt ghall-akkwist, **Potocka and Others v. Poland (2000)**, huwa importanti illi kull min igib azzjoni ghall-ksur ta' dan l-Artikolu, jipproduci *prima facie* evidenza ta' <u>l-ezistenza u l-validita` tat-talba tieghu</u> jew taghha ghal dak il-beni in kwistjoni.

Hekk ukoll kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Zammit v. Ellul Vincenti noe**, deciza fil-31 ta' Lulju, 1996, f'referenza ghall-artikolu wiehed in kwistjoni:
"*Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi <u>favur</u> id-dgawdija pacifika tal-possedimenti ta' kull persuna u <u>kontra</u> li jigu pprivati minnhom hlief fl-interess pubbliku. Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jezistix u allura ma jistax jigi vjolat jekk il-persuni, f'dan il-kaz l-appellant, ma jipprovawx li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possedimenti li minnhom jallegaw li gew illegalment u abbuzivament ipprivati*".

[7] **Fedorenko v. Ukraine (1-June-2006)** – Il-Qorti f'dan il-kaz, qalet li skond kazistika tal-organi tal-Konvenzjoni, "possessions" jistghu jkunu kemm beni li diga` jezistu jew assi ('assests') u dan jinkludi 'claims' li l-applikant jargumenta li ghandu almenu 'a legitimate expectation' li jista' jottjeni tgawdija fid-dritt ta' proprjeta`.

Issa, f'dan il-kaz, ma jirrizultax li r-rikorrent qatt kellu dritt ghall-proprjeta` li qed jirreklama.

Huwa ressaq il-pretensjoni tieghu quddiem il-Qrati ordinarji tal-pajjiz u gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell li hu ma kellux dritt ghal dik il-proprjeta` kollha. Darba hu hekk, m'ghandu ebda possediment li jimmerita protezzjoni. Biex tirnexxi talba taht il-provvediment tal-ewwel artikolu in kwistjoni, irid jirrizulta li dak li jkun gie mcahhad mit-tgawdija ta' oggett li jkun fil-pussess tieghu, u jekk ikun gie dikjarat li ma jkollux dritt ghal dak l-oggett, f'kaz bhal dan, u kif meqjus f'**Azinas v. Cyprus**, 28 ta' April, 2004, "... *the applicant had no 'legitimate expectation' of receiving a pension"*, jew, f'dan il-kaz, ghall-proprjeta` kollha.

Ir-rikorrent jissottometti, pero`, li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ghandha tigi skartata peress li hi stess tikser id-drittijiet fundamentali tieghu ta' smigh gust. Dan jallegah ghax isostni li fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontradditorji. Hu jghid li ma setax jirrikorri ghar-rimedju ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(i) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili peress li, skond il-gurisprudenza, ghall-applikazzjoni ta' dak l-artikolu trid tirrizulta kontradizzjoni fid-dispozittiv tas-sentenza, waqt li f'dan il-kaz hu jallega li l-kontradizzjoni tinsab fil-motivazzjoni.

Il-kawza fil-meritu kienet tikkoncerna l-interpretazzjoni tat-testment ta' Ganni u Angele konjugi Muscat partikolarment dwar fuq min iddevoliet proprjeta` fiz-Zurrieq. Ir-rikorrenti jghidu li, meta Qorti tinterpreta testement, trid kemm jista' jkun taghti widen ghall-intenzjoni tat-testaturi; jghidu li l-Qorti tal-Appell enuncjat dan il-principju, tant li anke osservat, kif kienet is-sottomissjoni taghhom, li "… jidher car li t-testaturi riedu fil-fatt li din il-proprjeta` partikolari tmur ghand dawn it-tliet ulied li kienu qeghdin iduru bihom sal-gurnata ta' mewthom;" izda spiccat biex tat sehem lill-intervenuti odjerni tal-istess proprjeta` kontra x-xewqa tat-testaturi.

Jekk wiehed jezamina sew is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ottubru, 2004, isib, pero`, li ma hemmx din

il-kontradizzjoni li qed jippruvaw jsibu r-rikorrenti. Dik il-Qorti qalet li mal-mewt tat-testaturi, il-proprjeta` ghaddiet ghat-tlett uliedhom, Vittorio, Emmanuela u Giuseppa ahwa Muscat, kif riedu t-testaturi u, f'dak l-istadju, giet rispekjata l-volonta` tat-testaturi. X'gara wara, pero`, kien jiddependi mill-wirt ta' dawn it-tlett ahwa, u mhux aktar mit-testment tal-konjugi Muscat. Peress li Guiseppa Muscat mietet xebba u bla testment, dahlu fix-xena l-ahwa l-ohra u ulied hutha premorti. Ir-rikorrenti ma qablux ma' din l-interpretazzjonni (ghax invokaw dritt ta' akkrexximent), pero`, d-decizjoni tal-Qorti kienet kuntrarja ghal dik l-opinjoni tal-konvenuti; dan ma jfissirx, pero`, li ma kellhomx smiegh gust jew li gew mcahhda mill-proprjeta`. Huma kellhom biss pretensjoni ghall-proprjeta` shiha, pretensjoni li ma gietx milqugha mill-Qrati.

Ma hemm xejn kontradittorju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Hi osservat li l-volonta` tat-testaturi trid tinghata effett sa dak li tipprovdi; jekk proprjeta` tghaddi ghand eredi desinjati, x'jigri wara l-mewt ta' dawn, fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet cari u espress fit-testmenti – li l-Qorti tal-Appell ma sabetx f'dan il-kaz – jiddependi fuq kif iddevolva l-wirt tal-indikati eredi. Ir-rikorrenti jistghu ma jaqblux ma' din il-konkluzjoni, pero`, mhux il-kompitu ta' din il-Qorti tirrevedi l-interpretazzjoni u l-apprezzament li qorti tal-fatt tkun ghamlet.

Mhux ir-rwol tal-Qrati b'kompetenza specjali li jezaminaw il-fatti li wasslu lill-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja tiddeciedi favur naha jew ohra, ghax altrimentri tkun qed tagixxi bhala Qorti tat-tielet jew raba' istanza. Mhux funzjoni tal-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" taghha, u ta' din il-Qorti li jirrevedu allegati zbalji ta' xi Qorti ohra. Din il-Qorti ghandha l-kompitu li tezamina u tiddeciedi jekk proceduri li zvolgew quddiem Qorti ohra setghux jivvjolaw xi dritt fundamentali.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Valfracht Maritime Co. Ltd. v. Avukat Generali et**, deciza fit-22 ta' Novembru, 2006,
"Certament l-odjerna procedura ma tistax tintuza biex tirrettifika kwalunkwe nuqqas, ikun xi jkun ta' xi Qorti ohra,

izda minflok hija procedura straordinarja li ghandha dejjem tigi ezercitata fil-parametri strett tad-dritt fundamentali li allegatament ikun gie vjolat. F'dan il-kuntest huwa opportun li tigi citata silta mill-volum imsemmi Jacobs and White, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140 l-awturi jikkummentaw hekk dwar l'hekk msejjha "*fourth instance*" *doctrine*. Dan l-insenjament qieghed jigi enfasizzat hawn, ghaliex japplika, *mutatis mutandis* ghall-Prim Awla tal-Qorti Civili u ghal din il-Qorti meta jkunu qeghdin jezaminaw allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali fil-konfront ta' xi qorti jew tribunal iehor:

"**Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be.**

"**The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is *not* to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6.**" (sottolinear ta' din il-Qorti)

Issa, f'dan il-kaz ma giex allegat li l-Qorti tal-Appell ma kentix imparzjali jew kienet ippregudikata, u lanqas ma gie allegat li, tul is-smigh tal-kawza, ir-rikorrent ma nghatax opportunita` iressaq il-kaz tieghu. Li qed jinghad, fil-verita` hu li r-rikorrenti ma jaqblux mad-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell u bl-iskop li jwaqqghu il-gudikat, qed jippruvaw ifittxu kontradizzjonijiet li, fir-realta`, ma jezistux.

Dwar l-ilment ta' dewmien fis-smigh tal-kawza, apparti dak li qalet l-ewwel Qorti dwar l-inkonsistenza fit-talbiet tar-rikorrent, ma jidhirx li, fil-kawza quddiem il-qrati, kien hemm xi dewmien mhux gustifikat. Il-kawza l-ohra bdiet fi Frar 1996, giet deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru, 2001 u mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ottubru, 2004. Quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-process kellu jigi sospiz ghal tlett darbiet minhabba mewt ta' xi hadd mid-diversi atturi, u l-problema li, f'kaz partikolari, dan l-ezercizzju holoq minhabba l-kwantita` tal-eredi, u wkoll peress li r-rikorrenti odjerni (allura konvenuti) kienu oggezzjonaw u anke appellaw kontra decizjoni tal-ewwel Qorti li jissejjah fil-kawza r-Registratur tal-Artijiet. L-atturi ghalqu l-provi taghhom fit-2 ta' Mejju, 1997, u sakemm giet deciza mill-ewwel Qorti fit-3 ta' Ottubru 2001, il-mazz, biex nghidu hekk, kien f'idejn il-konvenuti. Stante d-diffikultajiet li nholqu, ma jistax jinghad li l-kawza ma mxietx b'ritmu regolari u fil-fatt qatt ma kien hemm hela taz-zmien, hlief f'zewg okkazjonijiet <u>tort tal-konvenuti stess</u>: fis-seduta tal-4 ta' Dicembru, 1998, meta l-konvenuti ma deherux, u fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 1999, meta l-konvenuti ma ressqux provi! Hu veru li l-kaz dam tlett snin pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, pero`, stante n-natura tal-kaz, ma jistax jinghad li dan id-dewmien kien esagerat.

Ghar-rigward tal-ilment tal-appellanti dwar l-interess guridiku tal-intervenuti, din il-Qorti tara li dawn kellhom u ghad ghandhom interess isegwu dawn il-proceduri mill-qrib. Hu veru li f' kawza li fiha jigi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-legittimu kontradittur huwa, <u>bhala principju</u>, l-Istat, pero`, f'dan il-kaz ir-rikorrenti qed jippruvaw iwaqqghu u jiddikkjaraw bhala nulla sentenza li

nghatat favur l-intervenjenti, u dawn allura ghandhom zgur interess jiddefendu sentenza moghtija favur taghhom f'kawza li fiha huma kienu partijiet altament interessati. Dan l-ilment, qed jigi, ghalhekk, michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrenti billi tichad l-istess u b'hekk tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-appellanti rikorrenti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------